# SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002
Education Assessment Unit - Education Division

**FORM 4** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: 1 h 30 min**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _________

## 1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1.1 Malta bdiet titmexxa mill-Ingliżi fl- (*1800, 1850, 1900*).

1.2 Il-mexxej Ingliż ta' Malta kien il- (*Gran Mastru, Gvernatur, Prim Ministru*).

1.3 Fl-1839 il-Gvern Ingliż tana (*il-Ħelsien, l-Indipendenza, il-libertà ta' l-istampa*).

1.4 Fis-seklu 19 l-għonja f'Malta kienu jużaw il-(*kaless, karozza, karettun*) biex imorru minn post għall-ieħor f'Malta.

1.5 Lazzarett kien sptar għall-morda (*bil-pesta, bil-mard tal-qalb, bil-kanċer*).

1.6 Passatemp komuni mal-Maltin qabel it-Tieni Gwerra kien (*is-safar, l-għana, it-televixin*).

1.7 Fortizza kbira li bnew l-Ingliżi f'Malta kienet (*Sant'Anġlu, ir-Rinella, Sant'Jiermu*).

1.8 Wara t-Tieni Gwerra ħafna Maltin bdew jemigraw lejn (*l-Italja, l-Awstralja, l-Afrika*).

1.9 Wieħed mis-subborgi ġodda li kibru viċin il-portijiet fi żmien l-Ingliżi kien il- *(Ħamrun, Birgu, Mosta*).

1.10 (*Il-Franċiżi, Il-Kavallieri, L-Għarab*) saħħew ħafna l-identità Ewropea fil-kultura Maltija.

**(10 marki)**

## 2. Imla l-vojt bil-kliem jew frażijiet li ġejjin:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Lingwa* | *vot* | *Tieni Gwerra* | *Franċiżi* | *kummerċ* |
| *Kunsill* | *Kwistjoni* | *Indipendenza* | *kolera* | *jemigraw* |

2.1 L-Ingliżi ħadu l-gżejjer Maltin taħt idejhom meta keċċew lill- ________________ .

2.2 Il-pesta ta' l-1813-1814 qatlet bosta nies u kważi qerdet il- ________________ ma' pajjiżi oħra tal-Mediterran.

2.3 Il-Maltin stennew li l-Ingliżi kienu se jagħtuhom ________________ tal-Gvern magħżul mill-Maltin biex jgħinuhom fit-tmexxija tal-gżejjer.

2.4 Fl-1849 uħud mill-Maltin akkwistaw id-dritt tal- _______________ fl-elezzjonijiet ġenerali.

2.5 Il-partiti politiċi f'Malta bdew minħabba l- _______________ tal-Lingwa fl-1880.

2.6 Il- ________________ kienet marda komuni f'Malta li kienet tiġi minħabba sistema ħażina ta' drenaġġ.

2.7 Xi wħud mill-Maltin li ma kinux isibu xogħol f'Malta fi żmien l-Ingliżi kien ikollhom ___________________.

2.8 Fit- ___________________ Dinjija Malta kienet attakkata bl-ajruplani mill-Ġermaniżi u mit-Taljani.

2.9 Fil-21 ta' Settembru 1964, Malta kisbet l- __________________ mill-Ingilterra.

2.10 Waħda mill-affarijiet li jagħmluna Maltin hi l- ________________ Maltija.

**(10 marki)**

**3. Kompli din it-tabella b'xi kelma li taqbel ma' l-oħrajn. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.1 | It-Taljan | Il-Malti | l-Ingliż |
| 3.2 | kaless | omnibus | |
| 3.3 | Il-Karnival | l-Imnarja | |
| 3.4 | Sptar fl-Imtarfa | Lazzarett | |
| 3.5 | 1887 | 1903 | |

**(8 marki)**

**4. Agħmel sing taħt dik li ma taqbilx ma' l-oħrajn fil-kuntest ta' l-istorja ta' Malta u għid għaliex għażilt lilha:**

4.1 Lord Plumer, Thomas Maitland, Richard Moore O'Ferrall, Osbert Chadwick.

______________________________________________________________________

4.2 George Mitrovich, Winston Churchill, Sigismondu Savona, Fortunato Mizzi.

______________________________________________________________________

4.3 Partit Kostituzzjonali, Partit Nazzjonalista, Partit Laburista, Partit ta' l-Iljun.

______________________________________________________________________

4.4 L-*Aids*, il-ġidri, il-kolera, il-pesta.

______________________________________________________________________

4.5 Il-Milied, il-Vitorja, is-*Sette Giugno*, Santa Marija.

______________________________________________________________________

4.6 Is-sajd, il-biedja, it-tarzna, it-turiżmu.

______________________________________________________________________

**(6 + 12 = 18-il marka)**

**5. Ħares lejn dawn l-istampi.**
**(a) Għid x'qed tara fl-istampa.**
**(b) Ikteb sentenza biex turi x'rabta għandha l-istampa ma' l-istorja.**
**L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

5.1 (a) Bejjiegħ tal-ħalib bil-mogħoż
(b) F'dak iż-żmien il-ħalib kien jinbiegħ bieb bieb u kien jikkawża d-deni rqiq.

| | |
|---|---|
| **5.1** | **5.2** |
| **5.3** | **5.4** |
| **5.5** | **5.6** |

5.2 (a) ________________________________________

(b) ________________________________________

________________________________________

5.3 (a) ________________________________________

(b) ________________________________________

________________________________________

5.4 (a) ________________________________________

(b) ________________________________________

________________________________________

5.5 (a) ________________________________________

(b) ________________________________________

________________________________________

5.6 (a) ________________________________________

(b) ________________________________________

________________________________________

**(5 + 15 = 20 marka)**

**6 Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta ftit li xejn sar biex jitjieb it-tagħlim fost il-Maltin. Il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836 sabet li bosta Maltin kienu illitterati. Barra minn dawn, ftit kienu jafu jitkellmu bit-Taljan jew bl-Ingliż. Skejjel primarji kien hawn xi għaxra b'kollox.

Kien wara l-1840 li l-Gvern Ingliż beda jieħu ħsieb l-edukazzjoni, speċjalment meta ħatar lil Pawlu Pulliċino spettur ta' l-iskejjel primarji. Progress fl-edukazzjoni sar bil-mod il-mod, iżda sa l-1880 kien hemm skola primarja f'ħafna mill-ibliet u l-irħula. Pass ieħor importanti sar fl-1946 meta saret liġi għall-edukazzjoni primarja obbligatorja.

6.1 X'kienet ġiet tagħmel Malta l-Kummissjoni Rjali ta' l-1836?

________________________________________ (2)

6.2 X'kienet qalet il-Kummissjoni Rjali dwar it-tagħlim fost il-Maltin ta' dak iż-żmien?

________________________________________ (2)

6.3 *Illitterati* tfisser:

(a) jafu ħafna skola.
(b) ma jafux jiktbu u jaqraw.
(c) jafu jitkellmu b'ħafna lingwi.
(d) kienu nies b'saħħithom. (2)

6.4 Għaliex taħseb li f'dak iż-żmien kien hawn xi Maltin li kienu jafu jitkellmu:

(a) bit-Taljan: ______________________________ (2)

(b) bl-Ingliż: ______________________________ (2)

6.5 X'kien għamel il-Gvern Ingliż fl-1850 biex jieħu ħsieb aħjar it-tagħlim fost il-Maltin?

________________________________________ (2)

6.6 Għaliex taħseb li ż-żjieda fin-numru ta' skejjel kien pass 'il quddiem fl-edukazzjoni?

________________________________________ (2)

6.7 X'pass ieħor 'il quddiem fl-edukazzjoni kien sar fl-1946?

________________________________________ (2)

6.8 X'tifhem bil-frażi 'edukazzjoni obbligatorja'?

________________________________________ (2)

**(18-il marka)**

**7 Agħżel mistoqsija waħda u weġibha forma ta' komponiment.**

7.1 X'kienu x-xogħlijiet tal-Maltin fis-seklu dsatax li bihom kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom ta' kuljum.

7.2 Irrakkonta x'kien ġara f'Malta fis-*Sette Giugno* u x'kisbu l-Maltin riżultat ta' din il-ġrajja.

7.3 L-Ingliżi ħallew f'Malta ħafna bini li bnew jew użaw. Semmi xi wħud minnhom u ikteb dak li taf dwarhom. Tista' issemmi palazzi, ġonna, sptarijiet, monumenti, *barracks* u oħrajn.

7.4 Li kieku kont tfajla jew ġuvni titrabba f'Malta għall-ħabta ta' l-1850, x'kont tikkummenta fuq l-ikel, l-ilbies, id-dar, ix-xogħol tal-ġenituri tiegħek, is-saħħa u l-mard, l-iskola u l-ħin ħieles tiegħek.

7.5 L-Ingliżi bnew bosta fortizzi u fortifikazzjonijiet.
(a) Semmi erbgħa minnhom.
(b) Ikteb dak li taf fuq tnejn minnhom.

**(16-il marka)**